

Brussell, 5 ta' Mejju 2021  
(OR. en)

8239/2/21  
REV 2

---

**Fajl Interistituzzjonali:**  
**2018/0233(COD)**

---

**CODEC 613**  
**FISC 68**  
**ECOFIN 394**  
**CADREFIN 210**

**NOTA PUNT "I/A"**

---

|          |                                                                                                                                                                                                                                                                                                                            |
|----------|----------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| minn:    | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill                                                                                                                                                                                                                                                                                           |
| lil:     | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill                                                                                                                                                                                                                                                                              |
| Suġġett: | Abbozz ta' REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jstabbilixxi l-programm "Fiscalis" għall-kooperazzjoni fil-qasam tat-tassazzjoni u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1286/2013( <b>l-ewwel qari</b> )<br>- Adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari u tad-dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill |

---

1. Fit-8 ta' Ġunju 2018, il-Kummissjoni bagħtet lill-Kunsill il-proposta<sup>1</sup> tagħha, ibbażata fuq l-Artikolu 114 u l-Artikolu 197 TFUE.
2. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fis-17 ta' Ottubru 2018<sup>2</sup>.
3. Fis-17 ta' April 2019, il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari<sup>3</sup>.
4. Fil-31 ta' Marzu 2021, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti kkonferma l-qbil proviżorju li ntlaħaq mill-koleġislaturi.

---

<sup>1</sup> 9932/18 + ADD 1 sa ADD 3

<sup>2</sup> ĠU C 62, 15.2.2019, p. 118

<sup>3</sup> 8575/19

5. Sussegwentement, fit-22 ta' April 2021 il-Kumitat tal-Parlament Ewropew għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (ECON) ikkonferma l-qbil proviżorju u l-President tiegħu bagħat ittra fit-23 ta' April 2021 lill-President tal-Coreper fejn iddikjara li l-Parlament Ewropew għandu, fit-tieni qari tiegħu, japprova l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari (wara revizzjoni mill-ġuristi lingwisti) mingħajr emendi.
6. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentant Permanenti huwa mitlub jissuġġerixxi li l-Kunsill:
- jadotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari, kif tinsab fid-dokument 6116/21 + COR 1 (en, de, lt, lv, mt, pt), u d-dikjarazzjoni tar-raġunijiet, kif tinsab fid-dokument 6116/21 ADD 1, bħala punt "A" tal-aġenda ta' laqgħa li jmiss;
  - japprova li tiddaħħal fil-minuti ta' dik il-laqgħa d-dikjarazzjoni li tinsab fid-dokument 8239/21 ADD 1 REV 1.
7. Fl-istess ħin, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jiddeċiedi, f'konformità mal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 12(1) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill u l-Artikolu 1 tad-Deċizzjoni tal-Kunsill (UE) 2021/454<sup>4</sup>, li l-Kunsill juża l-proċedura bil-miktub għall-adozzjoni tar-Regolament imsemmi hawn fuq jekk, minħabba ċ-ċirkostanzi relatati mal-COVID-19, ma ssir l-ebda laqgħa tal-Kunsill qabel it-12 ta' Mejju 2021.
- 

---

<sup>4</sup> Deċizzjoni tal-Kunsill (UE) 2021/454 tat-12 ta' Marzu 2021 li testendi aktar id-deroga temporanja mir-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill introdotta bid-Deċizzjoni (UE) 2020/430, fid-dawl tad-diffikultajiet ta' vvjaġġar ikkawżati mill-pandemija tal-COVID-19 fl-Unjoni (ĠU L 89, 16.3.2021, p. 15–16)